MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2003

Numru.

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mary Grech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mary Grech talli fis-6 ta' Lulju, 2001 ghall-habta tas-6.45pm fi Triq Fortunato Mizzi, Victoria (Ghawdex):

**(1)** kisret il-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u bi glied,
**(2)** insulentat lil Paul Lanzon bi kliem,
**(3)** ghamlet gesti oxxeni fil-pubbliku, u
**(4)** ingumbrat il-bankina b'tali mod li ma hallietx minn fejn n-nies tghaddi minghajr xkiel;

L-ewwel qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-26 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Mary Grech hatja skond l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha u kkundannatha ammenda komplessiva ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm 25); inoltre dik il-qorti rabtet lill-istess Mary Grech skond l-Artikolu 383 tqal-Kap. 9 li ma timmolestax u/jew ma ddejjaqx lil Paul [Lanzon], Salvina Lanzon u Moira Vella ghal zmien sena taht penali ta' sittin lira (Lm60) multa fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mary Grech, minnha ppresentat fit-12 ta' Lulju, 2002, li permezz tieghu talbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda incident li sehh fil-jum u fil-hin indikati fl-imputazzjoni bejn Paul Lanzon u Mary Grech, incident li fih gie skambjat certu kliem bejniethom. Paul Lanzon jallega li Mary Grech ghamlet gest oxxen u insulentatu bi kliem b'referenza ghat-tifla tieghu (cioe` ta' l-istess Lanzon), u li kien wara li kienet hekk insulentatu li hu qalilha xi kliem li setghu kienu malafamanti fil-konfront taghha; Mary Grech, minn naha taghha, tghid li kien Paul Lanzon li, bla ebda gustifikazzjoni, insulentaha. Il-Qorti ma jidhirliex li ghandha ghalfejn toqghod tirrepeti id-diversi espressjonijiet li t-tnejn li huma jghidu li l-iehor jew l-ohra qal jew qalet.

Din il-Qorti kellha l-opportunita` li tisma' *viva voce* ix-xhieda kollha. Jinghad bla tlaqliq u mill-ewwel li f'dan il-kaz ma jirrizulta li kien hemm ebda ksur tal-bon-ordni jew tal-kwiet tal-pubbliku fis-sens ravvizat fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, jigifieri dak li bl-Ingliz jissejjah *a breach of the peace*, u dana peress li ma jirrizultax li bl-iskambju tal-kliem bejn Lanzon u Grech tnissel f'xi hin imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh Lanzon jew f'mohh terzi dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar

l-inkolumita` ta’ proprjeta` (ara f’dan is-sens ***Il-Pulizija v. Joseph Spiteri*** App. Krim. 24/5/1996).

Anqas ma jista’ jinghad – anke jekk wiehed kellu jiehu *a bocca baciata* il-verzjoni moghtija minn Lanzon – li l-gest li ghamlet l-appellant kien wiehed “oxxen”. Il-gest ta’ min (bhalma jallega li ghamlet Grech) idur, jippoppa l-warrani, u jaghti daqqa fuq il-warrani tieghu stess (bhal speci biex jghid “busli hawn”, jew, b’mod aktar raffinat “busli l-*osso sacro*”) ma jikwalifikax bhala gest oxxen izda, se mai, bhala gest li joffendi l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika. Il-paragrafu (bb) ta’ l-Artikolu 338 tal-Kodici Kriminali jikkontempla (i) kliem, atti jew gesti oxxeni, (ii) kliem indecenti, (iii) kwalsiasi ghemil, li ghalih il-Kodici ma jipprovdix band’ohra, li joffendi (iv) il-morali, (v) l-imgieba xierqa, jew (vi) id-decenza pubblika. Kliem atti jew gesti li joffendu l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika huma dawk li jilledu dak il-minimu ta’ konvenjenza u ta’ dekor li jird jezisti fir-rapporti bejn in-nies li jghixu f’socjeta`, u dan skond il-grad ta’ civilta` li jkun lahaq poplu f’mument storikament determinat[1]. Issa, huwa veru li meta persuna tigi imputata b’gest oxxen, qorti tista’ ssib lil dik il-persuna hatja ta’ gest li joffendi l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, u dan peress li l-kuncett ta’ decenza huwa aktar wiesa’ minn dak ta’ oxxenita`. Pero` fil-kaz in dizamina din il-Qorti hi tal-fehma li ma jirrisultax sodisfacentement pruvat li Grech ghamlet il-mossa li Lanzon jghid li ghamlet, u ghalhekk din il-Qorti ser tillibereha wkoll mit-tielet imputazzjoni.

Anqas ma hi sodisfatta din il-Qorti li Grech qalet il-kliem ingurjuz riferribbilment ghat-tifla ta’ l-istess Lanzon. Din il-Qorti tosserva in partikolari li ghalkemm il-kwerelant ipprova jaghti stampa li fiha huwa jiffigura bhala persuna kalma u edukata li bl-edukazzjoni kollha kien qed jilmenta ma’ Grech dwar il-fatt li l-kancell tad-dar taghha (li jinfetah ghal barra) qed ikun ta’ inkonvenjent ghal min ikun irid jghaddi fuq il-bankina, id-deposizzjoni ta’ Pauline Grech – li din il-Qorti m’ghandhiex ghaliex tiddibuta minnha u li

[1] Ara Antolisei, F., **Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I**, Giuffre` (Milano) 1986, p. 457.

insertat dahlet fix-xena proprju b'kumbinazzjoni – turi aspett iehor tal-karattru ta' dan Lanzon, u cioe` li huwa ma kienx jiddejjaq jghajjar lil dak li jkun bi kliem indecenti.

L-unika imputazzjoni li tirrzulta sodisfacentement pruvata hija r-raba' wahda. Din l-imputazzjoni tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 40(j) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija[2]. Bil-mod kif il-kancell tad-dar ta' l-appellanti kien jinfetah, in nies kienu jigu ostakolati huma w ghaddejjin fuq il-bankina, u jew iridu jiehdu l-izbriga li joqghodu jaghlqu l-kancell jew jinzlu minn fuq il-bankina b'perikolu ghall-inkolumita` taghhom.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lil Mary Grech hatja skond l-ewwel, skond it-tieni u skond it-tielet imputazzjoni u tilliberaha minn dawn it-tlett imputazzjonijiet; thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatha ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira kif ukoll fejn rabtitha skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 ghal sena taht penali; izda tikkonfermaha fir-rigward tas-sejbien ta' htija fuq ir-raba' imputazzjoni, u tikkundannaha ammenda ta' ghaxar liri (Lm10) pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'jumejn detenzjoni.

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] L-Artikolu 40 tal-Kap. 10 gie imhassar bl-Artikolu 50 ta' l-Att XXV ta' l-2001. Dana l-Att gie ppublikat fil-11 ta' Dicembru, 2001 u gie fis-sehh fit-8 ta' Frar, 2002 permezz ta' l-Avviz Legali 35/2002. Ghalhekk fid-data ta' l-imputazzjonijiet – 6 ta' Lulju, 2001 – l-Artikolu 40 kien ghadu fis-sehh, u ghalhekk japplika l-Artikolu 12(1)(d)(e) ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap. 249.